MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 208/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Adrian Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *omissis* u Adrian Vella, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 53383(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe` ġo barriera fl-area magħrufa bħala “Tal-Palma”, limiti ta’ l-Imġarr, Malta, nhar-is 26 ta’ Diċembru 2012 għall-ħabta tan-12.30 hrs:

(1) ħebbew kontra Andrew Agius sabiex jinġurjawh, idejquh u/jew jagħmlu l-ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

(2) fl-istess jum, lok u ħin heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra ibsin, waddbu u/jew qabdu arma/i oħra kontra Andrew Agius.
Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta` ta' Andrew Agius jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imsemmi Adrian Vella b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-30 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d)(b) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Adrian Vella ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu ġimgħa ħabs [*recte:* detenzjoni] u, ai termini ta' l-artikolu 383(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġietu taħt garanzija personali għal sena u penali ta' ħames mitt euro (€500) fin-nuqqas;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Adrian Vella ppreżentat fit-8 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh, jew inkella timponi piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma (1) li ma setax jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni stante li kulħadd beda jħebb għal xulxin biex jinġurjaw lil xulxin; (2) li ma setax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni peress li ma garax il-ġebla fid-direzzjoni ta' Andrew Agius; (3) li, mingħajr preġudizzju, l-piena nflitta hi inapplikabbli peress li l-piena ta' "ħabs" mhix kontemplata fl-artikolu 7(2) tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-piena għandha tiġi interpretata bħala detenzjoni, din hi iebsa wisq.

**6.** Issa, f'dawn il-proċeduri, il-*parte civile* Andrew Agius iddikjara li kien qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali kontra l-appellant. F'tali ċirkostanzi, u wara illi din il-Qorti rat l-artikolu 545(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemmx lok illi jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, tiddikjara l-proċediment eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------